# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 34/K9/21**

Data tal-laqgħa: 11 ta' Awwissu 2021

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
John Agius - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (1)**

Il-Kunsillier Sean Gauci (Inc. /2021);

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

34.1.01 Il-Kunsillier Sean Gauci talab li jiġi skużat waqt il-laqgħa tal-Kunsill, wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**34.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

34.2.01 Is-Segretarju ressaq il-Minuti 33/K9/21 għall-approvazzjoni.

34.2.02 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar 33.7.14.01 fir-rigward il-bring in sites, huwa qajjem il-punt dwar jekk dawn kellhomx isiru kollha taħt l-pont kollha huwa ġie nfurmat li kellna nagħmlu wkoll fi Triq Wilġa.

34.2.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar 33.3.02, huwa talab li jitniżżel li jiġu mistiedna wkoll persuni oħra pero hu ġie nfurmat li din kienet ġiet diskussa fil-laqgħa li għaddiet.

34.2.04 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

34.2.05 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ssekondah fl-approvazzjoni tagħhom.

34.2.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

34.2.05 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul qajjem il-punt dwar 33.7.06.01 dwar l-applikazzjoni tal-car free day, u fir-rigward Malta Heritage foundation kien għadu ma kellimomx.

**34.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen;**

34.3.01 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar 33.2.06 – dwar il-monument ta' Ġużi Tanti fejn għadna qed nistennew mill-Lands Department, iċ-Ċermen kellem lill-Mario Fava f'isem l-AKL sabiex jimxi l-proċess minħabba li ilha ftit biex nirċievu l-compliance certificate.

34.3.02 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar 33.2.08 dwar ix-xogħolijiet li kellhom jsiru fil-Ġnien ta' Ġiorni u Ġnien Saver Żarb, ix-xogħolijiet ser jibdew f'Settembru.

34.3.03 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar 33.2.02 iċ-Ċermen staqsa lis-Segretarju dwar l-ittra li kella tintbagħat lill-Kurja dwar il-bust. Huwa ġie nfurmat li din ser tkun qed tintbagħat.

34.3.04 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ġew ibbukjati l-flights kemm ta' Ruma kif ukoll ta' l-Ungerija.

34.3.05 Fir-rigward l-iscooters li qed jitpoġġew fil-lokalita' iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li saret laqgħa ma' Kunsilli oħra fl-areas tagħna fejn ġiet diskussa din il-problema. Il-Segretarju nforma lill-Kunsill li ser tkun qed tiġi speċifikata eżatt x'tgħid il-byelaw.

34.3.06 Fir-rigward Ġieħ San Ġiljan kien għad hemm żewġ persuni li għadhom pendenti u ġie deċiż li dawn ma jiġux nominati. Iċ-Ċermen issuġerixxa li minflok din tingħata lis-Sinjura Mary Dalli li għadha kemm għalqet 100 sena u lis-Sinjura Natasha Turner li hija kittieba.

34.3.07 Dwar proġetti fir-rigward Taraġ Scicluna, iċ-ċerimonja ser issir fit-30 ta' Awwissu, 2021.

34.3.08 Fir-rigward ir-railing li kellu jsir fi Triq il-Kbira , dan ġie ordnat.

34.3.09 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-Ġnien Saver Żarb ser ikun qiegħed jiġi finanzjat kollhu. Kull ma ser ikun qed jiħallas min-naħa tal-Kunsill huma l-ispejjez tal-Perit.

34.3.10 Fir-rigward ix-xogħolijiet li qed isiru fi Triq Lapsi, ix-xogħol miexi u din it-triq ingħalqet biċċa biċċa sabiex ma jkunx hemm inkonvenjenza lir-residenti.

34.3.11 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li saret walk in vaccine campaign u kienet ta' suċċess.

34.3.12 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ipparteċipa fi protesta dwar l-istorbju li qed ikun hemm ġewwa Paceville.

**34.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

34.4.01 Il-Kunsillier Guido Dalli irċieva telefonata mingħand persuna sabiex jinżel Xatt is-Sajjieda minħabba li ser ikun qiegħed jagħmel eżerċizzju kummerċjali, wara diskussjoni kien hemm qbil li jingħata permess sa' l-aħħar ta' Settembru.

34.4.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul, qajjem il-punt dwar kif ma ġiex mistieden ghal laqgħa li kien hemm dwar Ġnien Spinola. Staqsa għalfejn mhux qed ikunu mistiedna għal ċertu laqgħat. Iċ-Ċermen

infurmaħ li fil-każ tal-laqgħa dwar Ġnien Spinola, din ġiet imsejjħa mill-MTA u għalhekk ma jkollnix kontroll lil min nistiednu. Dan ikun ukoll il-każ f' diversi laqgħat li jissejħu minn entitajiet differenti.

34.4.03 Il-Kunsillier Guido Dalli ħareġ mill-laqgħa fis-6.45p.m.

34.4.03 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri talbet li jsir bin ieħor fuq wara il-bus stop li hemm fi Triq Ross minħabba li b'bin wieħed hija problema għax wieħed biss dejjem qed ikun mimli.

34.4.04 Il-Kunsillier Martin Sultana talab li l-bye-law tal-sewqan ta' roti mal-promenade tiġi *updated.*

**34.5 Contracts Manager**

34.5.01 Wara diskussjoni dwar l-irwol ta' contracts manager kien hemm qbil li l-Kunsill ma jħossx il-bżonn li naħtru din il-persuna, s-Segretarju kellu jinforma lid-Direttur tad-Dipartiment dwar din id-deċiżjoni.

**34.6 Bye-law dwar kiri ta' faċilitajiet;**

34.6.01 Is-Segretarju ressaq bye-law dwar kiri ta' faċiltajiet, wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill qabel unanimament dwar din il-proposta u għalhekk ser tkun qed tintbagħat din il-bye-law lid-Dipartiment Legali tad-DLG għall-approvazzjoni min-naħa tagħhom.

**34.7 Għoti tat-tender – Ġnien Saver Żarb;**

**34.7.01** Is-Segretarju talab li din id-deċiżjoni titieħed deċiżjoni f' laqgħa li jmiss minħabba li l-offerenti kollha kellhom dokumenti neqsin minn dawk mitluba u għalhekk ma setatx tittieħed deċiżjoni evalwata sew. Is-Segretarju Eżekuttiv kien ser jitlob lill-offerenti biex jipprovdu dawn id-dokumenti sal-laqgha li jmiss. Kien hemm qbil.

**34.8 Talbiet żgħar;**

**34.8.01 Email dwar requesting permission of use sun protection for our staff (Inc. 22667/21 & 22888/21);**

34.8.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ma jaqbilx.

**34.8.02 Email dwar Ċirkulari 5B – 2021 Politika għall-Gvern Lokali 2021 (Inc. 22699/21);**

34.8.02.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill u l-Kunsilliera ġew mħeġġa sabiex jipparteċipaw f'din id-diskussjoni.

**34.8.03 Email dwar Avviz Legali 146 tal-2021 li jemenda Regolament dwar l-Iskart (L.S. 549.63);**

34.8.03.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ibins minn Triq il-Wilġa tneħħew minħabba li qed jaqa' l-ħajt.

**34.8.04 Email dwar partners search for the ongoing CULTURE call for proposal (Inc. 22698/21);**

34.8.04.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tiġi mgħoddija lill-Viċi Sindku Clayton Luke Mula.

**34.8.05 Email dwar new Qashqai launch (Inc. 22739/21);**

34.8.05.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jingħataw permess biex din l-attivita' ssir.

**34.8.06 Email dwar Free ECDL Courses in San Giljan (Inc. 22852/21);**

34.8.06.01 Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta mit-TCTC sabiex nagħmlu korsijiet tal-komputer u nużaw fondi mill-iskema maħruġa mir-Reġjun pero fl-istess waqt ġie deċiż li naraw ftit permess tas-social media x'korsijiet jixtiequ r-residenti.

**34.8.07 Email dwar info-ewropa (Inc. 22875/21);**

34.8.07.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li napplikaw għaliha.

**34.8.08 Email dwar zebra crossing in Main Street (Inc. 22368/21);**

34.8.08.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx.

**34.8.09 Email dwar acculumation of leave of Mr. Paul Spiteri Executive Secretary (Inc. 22539/21);**

34.8.09.01 Is-Segretarju ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jgħaddi 108 siegħa li akkumulaw fis-sena 2020 għas-sena 2021. Il-Kunsill approva unanimament.

**34.8.10 Email mingħand is-Sindku dwar hasil ta' toroq (Inc. 22916/21);**

34.8.10.01 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ikkonferma li matul ix-xhur tas-sajf għandu jkun hemm ħasil ta' ċertu toroq.

**34.8.12 Email dwar citizien equality, rights and values programme (CERV) – Deadline 26th August 2021 (Inc. 22958/21);**

34.8.12.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma japplikax.

**34.8.13 Email dwar Ċirk 75/2021 – European week of Sports (Inc. 22982/21);**

34.7.13.01 Din il-korrispondenza inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**34.8.14 Korrispondenza dwar incident fi Triq Michelangelo Borg fl-4 ta' Novembru 2018 (Inc. 22925/21 & 22983/21);**

34.8.14.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'din il-korrispondenza fejn kien hemm ukoll rakkomandazzjoni min-naħa tal-Ombudsman. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nilqgħu din ir-rakkomandazzjoni u nħallsu lill-klijent id-danni mitluba.

34.8.15 Il-Kunsill ġie nfurmat b'open day li kienet ser issir min-naħa ta' Banda San Ġiljan.

34.8.16 Dwar il-gate li kella ssir fit-taraġ ta' faċċata tal-Knisja tal-Balluta, il-Kunsill irrefera lil min għamel it-talba biex japplika mal-Awtorita' ta' l-Artijiet.

34.8.17 Email mingħand l-Oven fi Triq Birkirkara b'talba sabiex issir unloading bay fi Triq Birkirkara, ġie deċiż li nofrulu li din l-unloading bay issir bil-kundizzjoni li jitneħħew l-unloading bays li għandu fi Triq il-Qalb Imqaddsa.

**34.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

34.8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5442 sa 5460. (Ara Appendiċi 'B')

34.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**34.9 Skeda tal-Pagamenti**

34.9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'Ċ')

34.9.02 Il-Kunsillier Rita Dimech Portelli ppproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

34.9.03 Il-Kunsillier Patricia Camilleri ssekondaħ fl-approvazzjoni.

**34.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

34.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar it-Tnejn 6 ta' Settembru 2021 fil-5.00p.m.

33.10.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30p.m.

IFFIRMATA,

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 23 ta' Settembru 2021